MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 257/1990/2

**Avukati Paul Mallia u Albert Grech bħala mandatarji tas-soċjeta Avonstar Contractors Limited; u b'digriet tas-7 ta' Frar 2006 Edward Borg u Maurice Portelli assumew l-atti f'isem is-soċjetà Avonstar Contractors Limited**

**v.**

**Sammy Meilaq u Lawrence V. Farrugia fil-kwalità rispettiva tagħhom ta' chairman tal-Kunsill u general manager tal-Malta Drydocks; u b'dikriet tat-13 ta' Marzu 1997 il-Professur Noel Zarb Adami fil-kwalità tiegħu ta' chairman tal-Malta Drydocks assuma l-atti għan-nom tal-korporazzjoni minflok Sammy Meilaq u**

**Lawrence V. Farrugia; u b'dikriet tas-7 ta' Frar 2006 Saviour Gauci f'isem il-Gvern ta' Malta assuma l-atti minflok Malta Drydocks**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Din il-kawża hija dwar ir-responsabbiltà ta' kuntrattur.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi hija sidt il-yacht li jismu Flingot li huwa reġistrat l-Ingilterra bin-numru 386369, u l-korporazzjoni konvenuta kienet imqabbda tagħmel xi tiswijiet fuq il-yacht.

Meta l-yacht kien fil-Manoel Island Yacht Yard bejn l-24 u l-25 ta' Lulju 1988 inħaraq. Dan ġara għax min kien imqabbad mill-konvenuta biex jagħmel it-tiswijiet ma kellux ħila fis-sengħa tiegħu, u wkoll minħabba nuqqas serju tal-konvenuta li tħares il-yacht biex ma ssirlux ħsara waqt li kien fdat f'idejha.

B'dan il-ħruq is-soċjetà attriċi ġarrbet danni kbar; għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tgħid illi l-korporazzjoni konvenuta għandha twieġeb għad-danni kollha li ġarrbet, u li għandhom jiġu likwidati f'kawża oħra. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Jannar 1989.

Il-korporazzjoni konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet (fol. 9):

1. l-Avukati Paul Mallia u Albert Grech iridu jagħmlu l-prova tal-mandat tagħhom billi jipproduċu kopja tal-mandat u ta' l-istatut tas-soċjetà attriċi; din l-eċċezzjoni kienet miċħuda b'sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 1991[1];

2. ir-rappreżentanza tal-korporazzjoni konvenuta hija vestita bil-liġi fiċ-chairman tal-Malta Drydocks u għalhekk Sammy Meilaq, sa fejn kien imħarrek biss bħala chairman

---

[1] *Foll.* 57 *et seqq.*

tal-Kunsill, u Lawrence V. Farrugia bħala general manager għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; bis-sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 1991 din il-qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni safejn magħmula minn Sammy Meilaq u laqgħetha safejn magħmula minn Lawrence V. Farrugia, u għalhekk ħelset lill-istess Lawrence V. Farrugia mill-ħarsien tal-ġudizzju;

3. is-soċjetà attriċi għandha tagħmel il-prova illi kienet sidt il-yacht meta seħħ l-inċdient u għadha sidt sallum; il-konvenuta irrinunzjat għal din l-eċċezzjoni b'nota tat-23 ta' Jannar 1991[2];

4. il-korporazzjoni konvenuta ma għandha ebda relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà attriċi;

5. is-soċjetà attriċi trid tagħmel il-prova illi l-konvenuta qabbdet lil min ma kienx ta' ħila biex jagħmel tiswijiet fuq il-yacht;

6. il-konvenuta ma kellha ebda obbligu li tħares il-yacht biex ma ssirlux ħsara għax meta nħaraq ma kienx f'idejha billi kien ġià ġie konsenjat lil Edward Borg bħala s-sid;

7. il-kuntratt tax-xogħlijiet magħmula mill-konvenuta jgħid illi kull responsabbiltà tal-konvenuta tieqaf mal-konsenja, u kull prova, ċaqliq jew irmiġġ tal-yacht isir taħt ir-responsabbiltà waħdanija tal-klijent;

8. bla ħsara għall-eċċezjonijiet l-oħra, il-konvenuta b'ebda mod ma taħti għall-ħruq jew għad-danni li ġarrbet l-attriċi.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-7 ta' Frar, 2006 bil-mod segwenti:- *"Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tgħid illi l-korporazzjoni konvenuta taħti u għandha tagħmel tajjeb għal tmenin fil-mija (80%) tad-danni li ġarrbet is-soċjetà*

[2] *Fol.* 41.

*attriċi meta nħaraq il-yacht ta' l-attriċi. L-ispejjeż, ħlief dawk li dwarhom ġà ngħatat deċiżjoni fis-sentenza ta' din il-qorti ta' l-4 ta' Diċembru 1991 u fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Jannar 2003, jinqasmu hekk: tmenin fil-mija (80%) tħallashom il-korporazzjoni konvenuta u għoxrin fil-mija (20%) tħallashom is-soċjetà attriċi."*

U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

"Is-soċjetà attriċi qabbdet lill-korporazzjoni konvenuta tagħmlilha xogħlijiet fuq il-*Motor Yacht Flingot* u biex isirulu dawn ix-xogħlijiet il-*yacht* ittieħed għand il-konvenuta fil-*Manoel Island Yacht Yard*. L-istruzzjonijiet lill-konvenuta ngħataw minn Edward Borg f'isem is-soċjetà attriċi.

"Fost ix-xogħlijiet li kellha tagħmel il-korporazzjoni konvenuta kien hemm tiswijiet fuq l-exhaust pipe ta' waħda mill-makni tal-yacht. Fil-fatt inbidlet parti minn dan il-pipe iżda l-parti l-ġdida ma kinitx inksiet b'insulation jew *lagging* li hu maħsub biex jixrob is-sħana tal-*pipe* — li hu magħmul minn metall u jisħon meta jgħaddu minnu l-*exhaust gases* sħan — u hekk ma jħallix li s-sħana tinfirex f'partijiet oħra ta' l-istruttura.

"Wara li nbidlet parti mill-*exhaust pipe* il-*foreman* tal-konvenuta talab lil Edward Borg, ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, joħroġ bil-*yacht* biex jipprovah, u jgħidlu jekk ma kienx kuntent. Billi dak il-ħin ma seta' jmur ħadd mill-ħaddiema tal-konvenuta miegħu, Borg ħa ħaddiem tiegħu stess u ma' dan ħareġ il-*yacht* għall-prova fuq il-baħar. Hekk kif qabbad il-makni Borg ra duħħan fuq l-*exhaust pipes*; qal b'dan lill-*foreman* li qallu illi seta' jserraħ rasu għax id-duħħan kien ġej mix-*shellac* li bih kien miksi l-*pipe*. Għalhekk Borg baqa' ħiereġ u, wara li għamel dawra bil-*yacht*, reġa' lura fil-*yacht yard*. Hekk kif kien dieħel lura reġa' ra d-duħħan ħiereġ; għalhekk fetaħ l-għatu tal-makna u seta' jara li d-duħħan kien ħiereġ minn fuq l-*exhaust pipe*. Billi kien hemm ħafna duħħan, Borg

mela żewġt ibramel bl-ilma baħar u xeħet l-ilma fuq il-makna. Imbagħad rabat il-*yacht*, tefa l-makni u l-batteriji u telaq lejn id-dar.

"Fil-lejl bejn dakinhar u l-għada sar il-ħruq.

"Qabel ma nqisu l-kwistjoni tal-ħtija irridu nqisu l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuta

"Ir-raba' eċċezzjoni tgħid illi ma hemm ebda rabta kuntrattwali bejn il-partijiet. Marbuta magħha hemm il-ħames eċċezzjoni li tgħid illi l-attriċi trid tagħmel il-prova illi l-konvenuta qabbdet lil min ma huwiex ta' ħila biex jagħmel ix-xogħlijiet għax, jekk ma hemmx rabta *ex contractu*, il-korporazzjoni tista' taħti biss *ex delicto* minħabba *culpa in eligendo*, taħt l-art. 1037 tal-Kodiċi Ċivili.

"Fil-fehma tal-qorti, iżda, ma jista' jkun hemm ebda dubju raġonevoli illi bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt. Tassew illi għas-soċjetà attriċi deher Edward Borg, iżda dan kellu s-setgħa li jidher għaliha u li jorbotha b'kuntratt.

"Ir-raba' eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda u magħha hija miċħuda wkoll il-ħames eċċezzjoni billi, ladarba r-rabta bejn il-partijiet kienet waħda *ex contractu*, ma tqumx il-ħtieġa tal-prova ta' *culpa in eligendo*.

"Is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet igħidu illi l-ħsara ma ġratx waqt illi l-yacht kien f'idejn il-konvenuta, u illi r-responsabbiltà tal-konvenuta tieqaf hekk kif issir il-konsenja lil min ikun qabbadha tagħmel ix-xogħlijiet.

"Barra mill-kwistjoni jekk saritx tassew il-konsenja, għax l-attriċi tgħid illi kien għad fadal xogħlijiet xi jsiru u għalhekk ma kinitx saret il-konsenja finali, jibqa' l-fatt illi, jekk il-ħruq seħħ minħabba xogħlijiet ħżiena, min għamel dawk ix-xogħlijiet ħżiena jibqa' marbut li jwieġeb għall-ħsara li sseħħ minħabba fihom, ukoll jekk dik il-ħsara sseħħ wara l-konsenja. Kull stipulazzjoni magħmula minn min jagħmel ix-xogħlijiet biex jeħles mir-responsabbiltà teħilsu biss jekk ikun wettaq il-parti tiegħu tal-kuntratt, u ma

jitqiesx li wettaq il-parti tiegħu min ix-xogħlijiet li kellu jagħmel taħt il-kuntratt ma jkunx għamilhom sew.

“Dan iwassalna għall-meritu tassew tal-kawża: jekk il-korporazzjoni konvenuta wettqitx l-obbligazzjonijiet tagħha taħt l-appalt billi x-xogħol li kellha tagħmel tagħmlu sew.

“Iċ-ċirkostanzi tal-każ juru illi n-nar qabad għax l-*exhaust pipe* saħan, kif hu mistenni li jagħmel għax il-gassijiet li joħorġu minnu, prodott tal-ħruq tal-*fuel*, ikunu sħan. Billi l-*exhaust pipe* huwa tal-metall, is-sħana tgħaddi sew minnu u ssaħħan ukoll dak li jkun qrib tal-*pipe*. Huwa għalhekk illi l-*exhaust pipe* ikollu *insulating material* madwaru: biex dik is-sħana ma tinxteridx u ma ssaħħanx materjal ieħor, bħal ma hu l-injam, li jaqbad. Meta saħan il-*pipe*, billi ma kellux dik l-*insulation*, saħħan l-injam li kien ftit ċentimetri biss ’il bogħod minnu, u meta saħan biżżejjed l-injam l-ewwel beda jġammar u wara qabad. In-nar inxtered sa ma qabad il-*yacht* kollu u nqered.”

“Fil-fehma tal-qorti kien nuqqas kbir tal-korporazzjoni konvenuta illi ma għamlitx insulation madwar l-*exhaust* u ħalliet illi l-*yacht* jinħareġ f’dik il-kondizzjoni. Jekk il-prassi tajba riedet illi l-*exhaust pipe* ma jitgħattiex bl-*insulation* sakemm ma jkunx magħruf jekk hux qiegħed jaħdem sew — għax jekk il-ġonta fejn inbidlet parti mill-*pipe* ma tkunx għaqdet sew dan ikun jista’ jidher biss meta titħaddem il-makna u jidhru l-*exhaust gases* ħerġin mill-ġonta, u dawn ma jidhrux jekk il-ġonta titgħatta bl-*insulation* — mela l-prova kien imissha saret taħt kondizzjonijiet kontrollati sew il-ħin kollu, u mhux billi l-*foreman* jibgħat lill-klijent jipprova l-*yacht* fil-baħar bla ma jibgħat lil ħadd tas-sengħa miegħu.

“Il-qorti għalhekk issib illi kien hemm nuqqas mill-korporazzjoni konvenuta li twettaq l-obbligazzjonijet tagħha taħt l-appalt.

“Kien hemm ħtija wkoll fuq Edward Borg li, meta ra d-duħħan ħiereġ minn fuq l-*exhaust pipe*, xeħetlu żewġt ibramel ilma u ma qagħadx attent jara li n-nar intefa għal kollox u li ma baqgħetx xi ġamra?

“Borg kien xehed hekk:

““Aħna u deħlin, quddiem il-Knisja tan-Nazzarenu qisu, innotajna d-duħħan ħiereġ. Jien ftaħt l-għatu ta’ l-*engine room* u osservajt li d-duħħan kien ħiereġ mill-parti tas-*silencer* fejn kien hemm it-textix ta’ qabel, u, peress li kif ftaħt ħafna duħħan ħareġ, imlejt żewġ bramel ilma baħar u waddabthom fuq is-silencer. X’ħin spiċċa d-duħħan innotajt li mal-*pipe* ma kienx sar *lagging* ta’ l-*asbestos* u lil sieħbi għidtlu, “Nhar it-Tnejn naħtfu lil Charlie ġil-foreman tal-konvenutaħ għaliex il-*lagging* ma għamlux”. Imbagħad bqajna deħlin Manoel Island, irbatna l-yacht għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija, tfejna l-makni u l-*main batteries* u tlaqna lejn id-dar. Ħafna mill-ħin bejn il-ħamsa u nofs u t-tmienja għamilnieh fuq il-poppa. Qabel ma tlaqna ma erġajniex ħarisna lejn l-*engine room* ħlief biex nitfu l-*batteries*. Tlaqna minn fuq il-yacht għall-ħabta tat-tmienja ta’ filgħaxija tal-Ħadd.[3]”

“Fil-fehma tal-qorti Borg naqas meta, għalkemm baqa’ fuq il-*yacht* għal sagħtejn u nofs wara li ra d-duħħan, ma reġax ra sew qabel ma telaq jekk kienx hemm xi ġamra li ma ntfietx. Kien ra illi *lagging* ma kienx hemm u għalhekk seta’ jobsor illi seta’ beda jġammar l-injam, jew għall-inqas kien imissu ra sew illi ma kienx ġara hekk.

“Billi għalhekk kien hemm nuqqas ukoll fuq ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, għalkemm mhux gravi daqs in-nuqqas tal-korporazzjoni konvenuta, li kellha r-responsabbiltà ewlenija li tagħmel ix-xogħol fdat lilha b’mod li ma ssirx ħsara, il-qorti taqsam il-ħtija hekk: tmenin fil-mija (80%) fuq il-korporazzjoni konvenuta u għoxrin fil-mija (20%) fuq is-soċjetà attriċi.”

**L-Appell**

Saviour Gauci f’isem il-Gvern ta’ Malta li, f’din il-kapacita`, kien assuma l-atti minflok il-Malta Drydocks hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors

3 *Fol.* 98.

intavolat fis-27 ta' Frar, 2006 interpona appell mill-imsemmija sentenza fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tieghu u sabitu responsabbli ghal tmenin fil-mija tar-responsabbilita` u tad-danni u tilqa' minflok l-istess eccezzjonijiet u tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu. Konsegwentement is-socjeta` attrici ghandha, minhabba n-negligenza tal-agent taghha, tbati r-responsabbilita` kollha ghall-hruq. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

Is-socjeta` attrici appellata pprezentat risposta ghall-appell tal-konvenut fejn talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-konvenut nomine jigi michud u tigi kkonfermata s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Il-konvenut appellant ressaq essenzjalment **erba' aggravji** kontra s-sentenza appellata u dawn jikkoncernaw:-

1) In-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali bejn is-socjeta` attrici u l-Malta Drydocks.
2) Il-prova dwar *culpa in eligendo.*
3) L-assenza ta' obbligu ta' sorveljanza da parti tal-Malta Drydocks billi l-yacht kien gja konsenjat lura.
4) Nuqqas ta' responsabbilita` tal-Malta Drydocks ghall-hruq.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma ben riportati fis-sentenza appellata, biss fil-qosor jista' jinghad li s-socjeta` appellata hija proprjetarja tal-Yacht MV Flingott li ha in-nar fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Lulju, 1988 meta kien ormeggat mal-moll tal-yacht yard f'Manoel Island appartenenti lill-Korporazzjoni konvenuta fejn kienu sarulu xi alterazzjonijiet u tiswijiet. F'dawn il-proceduri gie allegat li dan il-hruq kien dovut ghan-nuqqas ta' hila fis-sengha ta' min gie nkarigat mill-konvenuti jaghmel ir-riparazzjonijiet necessarji fuq l-istess yacht kif ukoll minhabba nuqqas serju ghal dak li jirrigwarda "safety" u "sorveljanza" tal-

yacht waqt li dan kien fil-kustodja u kontroll tal-korporazzjoni konvenuta. Il-Qorti ghalhekk giet mitluba tiddikjara li l-Korporazzjoni konvenuta kienet unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici bhala rizultat ta’ dan il-hruq.

Bis-sentenza tas-7 ta’ Frar, 2006, li minnha qed isir appell, l-ewwel Qorti cahdet ir-raba’ u hames eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine billi rriteniet li bejn il-kontendenti kien hemm rabta kontrattwali u li konsegwentement ma kienx hemm htiega tal-prova ta’ *culpa in eligendo.* Cahdet ukoll is-sitt u seba’ eccezzjonijiet billi gie rilevat li jekk il-hruq sehh minhabba xoghlijiet hziena “*minn ghamel dawk ix-xoghlijiet hziena jibqa’ marbut li jwiegeb ghall-hsara li ssehh minhabba fihom, ukoll jekk dik il-hsara ssehh wara l-konsenja.*” Finalment meta kkunsidrat il-mertu proprju tal-kawza l-ewwel Qorti kkonkludiet li kien nuqqas kbir tal-Korporazzjoni konvenuta illi ma ghamlitx *insulation* madwar l-*exhaust pipe* u halliet il-*yacht* jinhareg f’dik il-kondizzjoni, liema nuqqas wassal ghall-hruq tal-yacht, izda sabet li kien hemm nuqqas ukoll min-naha ta’ Edward Borg, rapprezentant tal-kumpannija attrici, meta dan ma accertax ruhu li n-nar kien intefa ghal kollox qabel ma telaq minn fuq il-*yacht.* Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti apporzjonat ir-responsabbilita` bejn il-korporazzjoni konvenuta u s-socjeta` attrici fi kwoti ta’ tmenin fil-mija fuq il-korporazzjoni u ghoxrin fil-mija fuq is-socjeta` attrici.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok il-Korporazzjoni konvenut qed tissottometti li ma kien hemm ebda relazzjoni bejn is-socjeta` attrici, sid il-yacht Flingot, u l-istess Korporazzjoni konvenuta u dan billi kien Edward Borg li ordna x-xoghlijiet in kwistjoni u l-istess socjeta` estera ma tirraffigura imkien fin-negozjati. Gie sottomess ukoll li kien l-istess Borg li hallas ghal dawn it-tiswijiet.

Din il-Qorti, ezaminati l-atti, ma tikkondividix din is-sottomissjoni billi jirrizulta car li fl-ewwel lok Edward Borg ma kienx proprjetarju tal-yacht, li ghalkemm kien ghal

zmien twil jiehu hsiebu, f'din l-okkazzjoni kien inkarigat minn Michael Degiorgo, ghan-nom tas-sidien tal-yacht biex jaghmel dawk ix-xoghlijiet mehtiega biex igib l-istess yacht fi stat tajjeb, fatt dan mhux kontestat mill-korporazzjoni konvenuta. Inoltre l-fatt li l-istess Borg kien qieghed ihallas *de proprio* ghall-ispejjez tat-tiswijiet ma jnaqqas xejn mill-inkarigu li huwa kien gie moghti mis-sidien billi, kif xehed l-istess Borg, hu kien qed jaghmel hekk biex fil-futur jakkwista, naturalment bi tpattija, sehem fl-istess yacht. Jigi finalment osservat li l-azzjoni odjerna hija istitwita mis-socjeta` proprjetarja tal-yacht in kwistjoni u l-prezenza ta' Edward Borg jew Maurice Portelli hija biss wahda incidentali.

Dan l-aggravju, ghalhekk, ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Illi ma hemmx dubbju li bejn is-socjeta` attrici – li ghaliha kien qed jidher Edward Borg fuq struzzjonijiet ta' Michael Degiorgio – u l-korporazzjoni konvenuta kien hemm relazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' appalt fejn din ta' l-ahhar kienet giet mqabbda taghmel xoghlijiet fil-yacht Flingot proprjeta` tas-socjeta` attrici (ara d-deposizzjoni in kontro-ezami ta' Edward Borg a fol. 115). Minn din ir-relazzjoni kontrattwali necessarjament johrog l-obbligu tal-Korporazzjoni konvenuta li tezegwixxi x-xoghlijiet minnha intraprizi skond l-arti u s-sengha, u dan l-obbligu jwassal ghar-responsabbilita` tal-istess Korporazzjoni li taghmel tajjeb ghad-danni f'kaz li jissuccedi xi haga minhabba xi nuqqas fl-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm htiega ta' prova ta' *culpa in eligendo* meta r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti kienet wahda *ex contractu*.

In-nuqqas tal-Korporazzjoni konvenuta johrog car mill-fatt li din naqset li tesegwixxi sewwa x-xoghol lilha moghti. Dan johrog mill-fatt li meta l-istess korporazzjoni bidlet parti mill-*exhaust pipe* billi kien hemm htiega ghal dan ix-xoghol fuq parir taghha stess, naqset milli tpoggi dak l-*insulation* maghruf bhala *lagging* biex is-shana kbira li

tiggenera l-*combustion* fil-magna li naturalment jeffettwa l-istess *exhaust pipe,* ma taghmilx hsara f'partijiet ohra tal-istess yacht, kif effettivament gara, minhabba hruq. Wara kollox l-istess Korporazzjoni konvenuta kienet konxja tal-fatt li l-yacht tas-socjeta` attrici kien ta' kostruzzjoni tal-injam u li din is-shana qawwija, minghajr l-*insulation* mehtiega, setghet tikkawza hruq.

**Ikkunsidrat:**

Il-Korporazzjoni appellanti tinsisti hafna fuq il-fatt li x-xoghlijiet li kellha taghmel kienu lesti u li kienet saret ir-*redelivery* tal-yacht. Konsegwentement hija ssostni li ma setghetx tinzamm responsabbli ghad-danni skond ma jinghad fl-istess kondizzjonijiet tal-kwotazzjoni ghax-xoghlijiet accettati minn Edward Borg u minnu iffirmati.

Dwar dan jidher li ma hemmx qbil billi l-attur Borg nomine jghid li meta sehh l-incident kien ghad fadal xoghlijiet xi jsiru, u f'dan huwa korroborat kemm mix-xhud Twanny Cassar, Chargeman tal-Fitters, li, ghalkemm kien imsiefer fid-data tal-incident, qal li xi granet qabel il-hruq kien fadal xoghol xi jsir. Huwa korroborat ukoll minn Victor Seguna, Manager tal-Yard li xehed li x-xoghol kollu ma kienx lest u kien ghad fadal xi xoghol fuq l-*electrical side*. Pero` anke jekk, ghal grazzja tal-argument, wiehed kellu jaccetta dak li qed jigi sottomess mill-Korporazzjoni konvenuta u cioe` li x-xoghol kien lest u saret r-*redelivery* tal-yacht, tohrog aktar cara r-responsabbilita` tal-Korporazzjoni konvenuta billi, stante li ma kienx sar *lagging* madwar l-*exhaust pipe,* kif tirrikjedi s-sengha, kien hemm nuqqas lampanti tal-istess Korporazzjoni meta, minkejja l-fatt li hija esperta in materja, kienet ikkonsenjat lill-klient xoghol difettuz. Xejn ma jiggova lill-Korporazzjoni meta tghid li hija ma kinitx inkarigata mill-klient li taghmel il-*lagging* billi kien jinkombi fuqha, bhala esperta in materja, li jew taghmel l-istess *lagging* u tithallas tieghu, jew tindika b'mod espress li dan ma kienx sar u li kien hemm perikolu ta' nar bin-nuqqas tieghu. Minn dan kollu jirrizulta li ma sar xejn.

L-insistenza tal-Korporazzjoni konvenuta li x-xoghol kien kollu lest u li saret ir-*redelivery* ixejjen ukoll kull

sottomissjoni tal-istess Korporazzjoni dwar is-*sea trials* u jekk dawn sarux jew le korrettament mill-attur Edward Borg fl-assenza tal-impjegati tal-istess Korporazzjoni. Jekk verament kien gja sehh ir-*redelivery* allura wiehed ghandu jassumi li dak li kellu jsir, inkluz is-*sea trials*, kien sar mill-Korporazzjoni u hi kienet sodisfatta bix-xoghlijiet li kienu gew esegwiti. Kien ghalhekk pienament gustifikat Edward Borg li johrog il-yacht, anke fl-assenza ta' impjegati jew ufficjali tal-Yard. Izda, kif irrizulta, ix-xoghol ma kienx gie ezegwit tajjeb u sehh l-incident li wassal ghal hruq tal-yacht minhabba l-assenza tal-*lagging* tant mehtieg mal-*exhaust pipe.*

L-aggravji rimanenti ghalhekk ma jirrizultawx gustifikati.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' Saviour Gauci ghan-nom tal-Gvern ta' Malta li assuma l-atti minflok il-Malta Drydocks qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-istess Korporazzjoni konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------